**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Il-Pulizija**
**(Sp. David Saliba)**

**vs**

**George Falzon ta' 53 sena, iben George**
**u Carmena xebba Zammit, mwieled Hal-Qormi,**
**fil-15.9.1948, u joqghod 'Cappadocia', Numru 11,**
**Flat 2, Triq George Schembri, Hal-Qormi,**
**detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru**
**796148 (M)**

**John Spiteri ta' 43 sena, bin Francis u Maria**
**Xebba Grech imwieled Pieta' fit-23.6.1959**
**U li joqghod 'Clevles', Lorenzo Gonzi Street,**
**Hal-Tarxien, detentur tal-karta ta' l-identita'**
**Bin-numru 443359 (M)**

**Illum 9 ta' Lulju, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija George Falzon u John Spiteri li gew akkuzati talli f'Malta, matul dawn l-ahhar tliet snin u qabel Jannar tas-sena 2002 b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ai termini tal-artiklu 18 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Akkuzati talli f'Malta, matul dawn l-ahhar tliet snin u qabel Jannar tas-sena 2002 matul il-gurnata, b'mezzi kontra l-ligi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann jew

billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu li titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh bi hsara tad-diretturi u/jew il-kumpanija Marsovin Ltd., u dan ai termini tal-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet f'Malta, fl-istess cirkostanzi, approprjaw ruhhom, billi dawwru bi profitt ghalihom jew ghal persuni ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsmata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikata, u dan ghad-dannu tad-diretturi u/jew il-kumpanija Marsovin Ltd. u dan ai termini tal-artikolu 293 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-akkuzati waqt l-interrogatorju.

Rat il-fedina penali taghhom.

Rat ukoll l-istqarrijiet minnhom rilaxxati.

Rat ukoll li l-akkuzati rritornaw lis-socjeta' aggravata dak l-ammont minnhom meqjus bhala percepit b'mod illegali, azzjoni mertu ta' l-akkuza.

Semghet it-trattazzjonijiet fit-tul dwar il-piena.

In vista ta' dak kollu premess wara li rat l-art 308, 310, 293, 18, 17 tal-Kap 9. Rat l-art 9 tal-Kap 152 u tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn mil-llum. Tordna li dawn l-atti jintbaghtu ghand l-Avukat Generali fi zmien li trid il-ligi.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.